MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Numru 376/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**KEITH SPITERI**
**LUDWIG CASSAR**

**Illum 6 ta' Lulju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Keith Spiteri ta' 16-il sena, iben Alfred u Pauline nee` Barbara, imwieled Zabbar fit-30 ta' Marzu 1988, li joqghod Rose Flats, Flat 1, School Street, Msida, u

Ludwig Cassar ta’ 24 sena, iben Joseph u Veronica nee` Spiteri, imwieled il-Pieta` fis-7 ta’ Marzu, 1980, li joqghod Block G, Flat 11, Housing Estate, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 158880M, gew akkuzati talli:

1. Nhar il-15 ta’ Marzu 2003, fi Triq l-Universita`, l-Imsida, ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni JAC-921 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Moamer Salama;

2. U aktar talli f’dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn mitt lira Maltin izda ma tiskorrix hames mitt lira, ghad-dannu ta’ Moamer Salama;

3. U aktar talli fil-Gzira, fis-17 ta’ Marzu 2003 u fil-jiem ta’ qabel xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira izda mhux aktar minn elf lira Maltin, li gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CP5 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li in kwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Innutat ukoll li l-imputati ammettew l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u tathom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija u li rritornaw ir-refurtiva.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Keith Spiteri l-artikoli 37, 261 (b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271 (g), 278 (3), 279 (a), 280 (2), 281 (b) u 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Ludwig Cassar l-artikoli 261 (b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271 (g), 278 (3), 279 (a), 280 (2), 281 (b) u 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Keith Spiteri, fuq ammissjoni, hati ta’ l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta` tenera tal-istess imputat, il-fedina penali netta tal-istess imputat, il-fatt li l-istess imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija u li rritornaw ir-refurtiva, tillibera lill-imputat Keith Spiteri taht il-provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Issib lill-imputat Ludwig Cassar, fuq ammissjoni, hati ta’ l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-istess imputat, il-fatt li l-istess imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija u li rritornaw ir-refurtiva, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Ludwig Cassar ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar

prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tliet (3) snin millum l-imputat Ludwig Cassar jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Fil-konfront taz-zewg imputati nkwantu ghat-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni, peress illi din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Keith Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ludwig Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------